"Il-kelma tat-tabib riedet tkun," qalli Mikiel, "u l-Madonna, biex raddli d-dawl u ġejt nara. Lil Din ix-Xebba safja Omm Alla għadni u nibqa' nħobbha, għax Hi wkoll li issa trid tkun biex tieqaf miegħi waqt mewti, erbat ijiem oħra."

Għedt f'qalbi: kellha titwettaq f'widnejja l-kelma t'ommi l-għażiża. 21 sena wara mewtha u 72 sena wara l-mewt ta' missier missieri!

Il-ġid ma jintesa qatt, u jibqa' jisseddaq u jissiefaħ fuq wiċċ id-dinja mill-kelma tat-tajjeb, għax dak li jitwieled mis-safa tar-ruħ jibqa' għal dejjem u jsaltan sad-dwiem mal-Mulej; u Dan, f'Jum il-Ħaqq, lil dawk li wettqu tagħlimu bil-għemil u bil-ħidma safja, igħidilhom:

"Ejjew ħudu għalikom is-Saltna mwaqqfa sa mill-ħolqien tad-dinja, għax Jiena kont bil-ġuħ u intom tmajtuni."

18. 1. 1944. R.M.B.

---

## NIXTIEQ

*Din qalbi muġugħa*
*Biex tgħanni għanjitha*
*Li tnisslet u fawret*
*Mill-ward ta' żgħużitha.*

*Nixtieq illi qlubna*
*Jixxettlu flimkien:*
*Żewġ vjoli moħbija*
*F'xi rokna ta' ġnien.*

*Nixtieq li kull għodwa*
*Li żżernaq għalik*
*Issaħħrek bi ġmielha*
*U b'ġidha thennik.*

*Nixtieq li xi darba*
*Minn ħdan il-Mulej*
*Bħal-lum u bħal dari*
*Jien nilmħek għaddej.*

*Mitluf fit-tifkira*
*Ta' mħabba, li ħadd*
*Minn qalbek, li tħobbni,*
*Ma jaf jisraq qatt..*

Balzan, 14. 5. 1947. MEME' ZAMMIT.